# L-10 ta’ Marzu 1867



Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt

Astratt: Fl-artiklu tiegħi tas-sena l-oħra bl-isem ta’ ‘Ir-Re tal-Baned Maltin fl-Ewwel Tliet Deċennji tas-Seklu Għoxrin’, kont ktibt fuq Mro. Antonio Miruzzi li kien jidderieġi lis-Soċjetà Filarmonika ‘Santa Marija’ fil-bidunett tas-seklu l-ieħor. Ktibtu fl-okkażjoni tal-150 sena minn twelidu. Is-sena d-dieħla jaħbat ukoll il-75 sena minn mewtu. B’daż-żewġ anniversarji quddiemi ddeċidejt li nibqa’ nżommkom aġġornati dwar ħajtu u/jew ħidmietu. Dis-sena għażilt li nerġa’ nitkellem fuq id-data ta’ meta twieled wara li ksibt informazzjoni biżżejjed li permezz tagħha ser inwaqqa’ d-data l-oħra li tant ilha stabbilita. Kif ser taraw ukoll, Miruzzi kellu tliet ħutu oħra, kif ukoll liz-ziju Pawlu li għallmu kif idoqq u jikteb il-mużika. Niżżi ħajr lil Mons. Richard Borg B.A., Lic.D., Naxxari bħali, għall-informazzjoni li tani wara riċerka li għamel fir-reġistru parrokkjali tal-Furjana fejn kien Arċipriet.

Kliem muftieħ: Mro. Antonio Miruzzi, University of Malta ‘Ġ.F. Abela’ Junior College, Għaqda Każini tal-Banda, Soċjetà Filarmonica ‘San Ġorġ (Bormla), Soċjetà Mużikali San Ġużepp (Ħamrun), Soċjetà Filarmonika La Vincitrice (Isla), Soċjetà Filarmonica ‘San Piju X’ (Lija), Għaqda Mużikali ‘Sant’ Andrija’ (Luqa), Soċjetà Mużikali Nicolò Isouard (Mosta), Soċjetà Filarmonika Santa Marija (Mosta), Soċjetà Filarmonica Nazionale ‘La Valette’ (Valletta), Soċjetà Mużikali u Filarmonica ‘Leone’ (Victoria, Għawdex), Għaqda Mużikali ‘Beland’ (Żejtun).



Qabel ma mort għal dal-artiklu dejjem kont noqgħod fuq it-tagħrif li jagħtuni l-kotba li ġejjin: *Ġrajja ta’ Baned f’Malta u Għawdex* (1956) ta’ Robert Mifsud Bonnici, *Is-Soċjetà Filarmonika ‘San Ġużepp’, Ħamrun: 75 Sena Ħajja* (1964) u *Għaqda Mużikali San Ġużepp Ħamrun 1889-1989* (1989) ta’ Joseph Mifsud Matrenza, *‘La Valette’ Soċjetà Filarmonika Nazzjonali: L-Ewwel Mitt Sena Storja* (1994) tal-Kan. John Ciarlò, *Erbatax-il Profil ta’ Mużiċisti Għawdxin, Maltin u Barranin* (1998) u *Ġrajjiet is-Soċjetà Mużikali u Filarmonika ‘Leone’, Għawdex: Għeluq il-150 mit-twaqqif* (2012) ta’ Grazio Anton Grech, *Il-Mużika ta’ Malta fis-Sekli Dsatax u Għoxrin* (2000) ta’ Joseph Vella Bondin, *Għaqda Mużikali Sant’ Andrija – Twelidha u Ġrajjietha* (2008) ta’ Jesmond Grech, kif ukoll fuq artikli bħalm’ huma: *Tifkira tas-Surmast A. Miruzzi* (1972) ta’ Mro. Michael Chircop, *Maestro Antonio Miruzzi: mill-Arkivju tas-Soċjetà* (1994) ta’ Mifsud Matrenza, u *Is-Surmast Antonio Miruzzi* (1996) ta’ Joseph C. Camilleri. Agħar minn hekk, kotba oħra t’awturi magħrufin ftit jew xejn ma jgħidu dwaru: *Musica e Musicisti in Malta: Saggio* (1932) ta’ Dr. Ulderico Rolandi, *Mużiċisti Kompożituri Maltin u Għawdxin tal-Bieraħ u tal-Lum* (1951) u *Dizzjunarju Bijo-Biblijografiku Nazzjonali* (1960) ta’ Mifsud Bonnici, *The Great Maltese Composers – Historical Context, Lives, and Works* (2016) ta’ Joseph Vella Bondin.



ĊERRTIFIKAT TAL-MAGĦMUDUJA
Certificate of Baptism

Estratt mill-original tar-Registru tal-Magħmudija tal-Parroċċa ta’ SAN PUBLJU FLORIANA MALTA

From tha original kept at the Parish of St Publius Floriana Malta

Isem / Name: Antonio, Mario, Carmel, Joseph Saviour, Publius

Iben/bint / Son/daughter of: Joseph Miruzzi

u / and: Michaela nee

Imwieled/da / Born at: Floriana Malta

f’ / on the: 10th March 1867

u mgħammed/da / and baptised: 10th March 1867

minn / by:

Niċċertifika li dan kollu jaqbel mas-sewwa
I certify that the above is true and correct

Data / Date: 13.07.2017

Arċipriet/Parish Priest

F'dal-kotba u artikli kollha li semmejna hawn fuq insibu, kull meta jkun hemm, id-data tal-10 t'Ottubru 1867 bħala dik uffiċjali li fiha twieled is-surmast Miruzzi. Iżda minn ċertifikat li ġibt mir-reġistru tal-parroċċa tal-Furjana[1] bid-data tat-13 ta' Settembru 2017, ittimbrat u ffirmat mill-Arċipriet, insibu li Mro. Miruzzi fil-fatt twieled il-Furjana nhar l-**10 ta' Marzu**, **1867** u tgħammed minn idejn il-Viċi-Parroku Dun Manwel Borg fin-nuqqas Dun Ġann-Anton Vidal. Dan peress li t-tieni kappillan tal-Furjana kien waqaf jamministra s-sagramenti konsegwenza tal-mard li beda jtaqqlu. Infatti, minn nofs Jannar 1867 'il quddiem il-Viċi Borg daħal bħala Vigarju Kurat, bil-piż kollu li dil-kariga ġġib magħha.

Miruzzi ngħata sitt ismijiet tal-magħmudija: Antonio, Mario, Carmel, Joseph, Saviour, u Publius. Huwa kien iben Joseph u Michaela Brincat. Grazzi għar-riċerka li għoġbu jagħmilli l-Mons. Dun Richard Borg, li sa dak iż-żmien kien għadu Arċipriet tal-Furjana, sibna li Antonio kien it-tieni wild fost erbat aħwa: M(ario) Carmelo Marozzo – 8 ta' Ġunju 1865, Carmel Miruzzi – 5 ta' Diċembru 1869, u Maria Marozzi – 20 ta' Settembru 1871. L-erbat aħwa kollha ġew mgħammdin fl-istess jum illi fih twieldu. Dun Richard qalli wkoll li għalkemm M(ario) Carmelo u Maria għandhom kunjomhom imniżżel xi ftit differenti mill-kunjom kif nafuh aħna, l-ismijiet tal-ġenituri tagħhom huma l-istess bħal t'Antonio u Carmelo. Nafu wkoll, li Antonio ma tantx kien gawda 'l ġenituri tiegħu peress li mitulu meta hu kien għadu tfal u daħħluh ltim f'Orfanatrofju l-Belt Valletta. Wisq probabbli li ħutu wkoll messhom l-istess xorti u kellhom jissieħbu f'dad-dejr għall-iltiema, speċjalment is-subien, għax Maria kienet għadha tarbija ta' xi sena u diffiċli tgħid min kien ħa l-kustodja tagħha.



Li nafu żgur hu li l-erbat aħwa kellhom liz-ziju Pawlu (2.iii.1852[2] – 6.v.1888) min-naħa tal-missier, imwieled il-Belt. F'Jannar tal-1874 Pawlu daħal man-Nejvi Rjali bħala *bandsman* fuq l-*HMS Doris*. In-numru tas-servizz tiegħu kien 84986. Serva wkoll fuq diversi vapuri oħra qabel ma telaq min-Nejvi f'Diċembru 1883. Għal xi żmien, kien assistent-surmast tal-Banda 'La Valette', kariga li kien ilu jokkupa sa minn Mejju tal-1879. Kien biss wara li Mro. Emmanuele Bartoli iddimetta minn surmast fl-1885 li Paolo ħa l-banda Beltija f'idejh. Iżda sfortunamtament inħakem minn marda qerrieda u miet qasir il-għomor fl-età ta' 36 sena f'Għawdex fejn kien għaddej minn perjodu ta' konvalixxenza. Il-funeral tiegħu sar mill-isptar sal-knisja Katidrali, bit-tebut merfugħ minn erba' bandisti miż-żewġ baned 'La Valette' u 'Leone'. L-avviż tal-mewt tiegħu kien deher ukoll fil-ġurnal 'Malta' tas-16 ta' Mejju 1888.



Jista' jkun li min-naħa ta' missierhom kien hemm ukoll ċertu Domenico. Dwaru ftit li xejn nafu għajr li kien mill-Belt ukoll u li nħatar surmast tal-Banda 'La Pace' tan-Naxxar fid-9 ta' Mejju 1892 bis-salarju ta' £3.10s fix-xahar. Fil-ftit xhur li dam surmast, idderieġa programm magħżul fil-misraħ tar-raħal fil-festa tal-Madonna tad-Duttrina fil-11 Ġunju. Fl-14 t'Ottubru tal-istess sena mbagħad, Mro. Gavino Camilleri laħaq minfloku. Fl-istorju twila tal-banda Naxxarija, wieħed jinnota li, fl-aħħar deċennju tas-seklu dsatax, il-bakketta biddlet ħafna idejn. Infatti, Domenico kien reġa' għamel xi żmien imexxieha. Insibuh ukoll bħala surmast li b'xi mod jew ieħor ikkunċerta jew idderieġa lill-banda 'Leone' t'Għawdex fl-assenza tas-surmast fl-1913[3]. Jidher ċar li, id-dinastija Miruzzi kellha rabta speċjali ma' dil-banda Għawdxija permezz ta' Paolo, Anton(io), u Domenico.

**Dal-artiklu għandu mela jneħħi kull dubju dwar id-data preċiża li fiha twieled Mro. Antonio Miruzzi. Għaldaqstant, mil-lum 'il quddiem, kull min jitħajjar jikteb xi ħaġa fuq ħajtu u/jew ħidmietu għandu jniżżel dejjem dad-dati li ġejjin wara ismu: 10.iii.1867–23.x.1944.**

---

[1] Ta' min jgħid li, il-magħmudijiet bdew jinżammu fir-reġistru ta' dil-parroċċa mill-1844 'il quddiem.
[2] website.lineone.net/~remosliema/maltese_seamen_in_the_**royal_navy**m2.htm
[3] Ara Appendiċi 5 tal-Ġrajjiet is-Soċjetà Mużikali u Filarmonika 'Leone' Għawdex ta' Grazio A. Grech.

L-artiklu qed jitwassal lill-qarrejja Mostin fl-okkażjoni tal-festa titulari ta’ Santa Marija li ta’ kull sena tiġi solennement iċċelebrata fil-Mosta, kif wkoll fl-okkażjoni tal-20 anniversarju mit-twaqqif tal-UoM JC Orchestra A.D. 1998 taħt il-bakketta tiegħi.

Aktar artikli mill-istess awtur jinsabu fuq OAR@UoM (https://www.um.edu.mt/library/oar/)